# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 11**

**Citazzjoni Numru 76/09 JA**

**Jonah Caruana, Angelo Caruana,**
**Andrew Caruana u Salvu Caruana**

**v.**

**Carmen Sammut u żewġha Joseph Sammut**
**u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2009 ġie kjamat fil-kawża**
**d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt u b'digriet tas-27 ta' Lulju, 2015**
**stante l-mewt ta' Joseph Sammut fil-mori tal-kawża,**
**il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem uliedu**
**Andrew Sammut, Paul Sammut u William Sammut**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Dawn huma żewġ appelli mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Lulju 2011:

(1) wieħed ad istanza tal-konvenuti Carmen u Joseph Sammut li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata "*fis-sens li tħassar u tirrevoka l-ewwel talba atturi u jiġu akkolti u aċċettati l-eċċezzjonijiet tal-appellanti kollha, u dan a spejjeż tal-istess appellati*" (sic);

(2) u l-ieħor ad istanza tal-atturi Jonah, Andrew u Salvu Caruana, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu din ċaħdet b'mod indeterminat uħud mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u in kwantu laqgħet l-ewwel talba, timmodifikaha in kwantu d-diċitura ta' kif intlaqgħet l-ewwel talba ma tispekkjax preċiżament l-ewwel talba u l-provi prodotti in rigward tal-istess, u tirrevokaha in kwantu din laqgħet b'mod indeterminat uħud mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u in kwantu din illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju għar-rigward tat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet, b'dan li għandha tilqa' l-istess talbiet, u tirrevokaha ukoll in kwantu ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti Sammut;

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-28 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

"1. Illi l-ġenituri tal-atturi, Giuseppe Caruana u Giuseppa nee' Abdilla, illum mejta, kienu għamlu diversi testmenti b'diversi dispożizzjonijiet aġġuntivi. Giuseppi Caruana kellu għandu raba'

magħruf bħala Tal-Isqof fil-limiti ta' Ħal Luqa li maż-żmien qasmu bejn uliedu hawn kontendenti fejn intużaw modijiet eżistenti antikament.

"2. Illi fost affarijiet oħra, permezz tat-testment tat-8 ta' April 1986 ġie dispost u kkonfermat lil dawn uliedhom kellhom dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba' tal-ieħor min-naħa tal-ħajt (*vide* testment bħala Dokument A anness).

"3. Illi mbagħad bit-testment tas-26 ta' Ottubru 1989 omm il-kontendenti, issa armla, ordnat li jekk xi ħadd minn uliedha ma joqgħodx għad-dispożizzjoni tat-testmenti li hija għamlet qabel, u jekk xi ħadd mill-istess uliedha jew żwieġhom jippruvaw b'xi mod jew ieħor jaqla' l-inkwiet u jfixkel il-qasma paċifika tal-beni tagħha, ikun min ikun minnhom, jitlef kull vantaġġ dispost a favur tiegħu bit-testmenti preċednti tagħha u ma jkollux dritt ieħor ħlief għal porzjoni leġittima (*vide* testament anness bħala Dokument B anness).

"4. Illi reċentament il-konvenuti u / jew terzi awtorizżati minnhom qegħdin ifixklu lill-atturi fit-tgawdija tal-porzjonijiet assenjati lilhom bil-mod mixtieq mill-ġenituri tagħhom bl-inġumbrar ta' parti minn mogħdija eżistenti antikament kif ingħad.

"5. Illi Jonah Caruana interpella diversi drabi lill-konvenuti biex ma jkomplux jingombraw din il-parti tal-mogħdija, inkluż biż-żamma ta' klieb u nagħaġ fl-istess mogħdija, iżda l-konvenuta issostni li qed tostakola biss dik il-parti tal-passaġġ li tinsab fil-proprjeta' tagħha u li ntiża biex tużaha hi u wliedha biss.

"6. Illi l-aġir tal-konvenuti jammonta għal molestja fid-dritt ta' passaġġ li għandhom l-attur fuq il-mogħdija eżistenti, kif ukoll ksur tad-dispożizzjonijiet testamentarji magħmula mill-ġenituri tagħhom.

"7. Illi l-esponent jaf b'daw il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

"**<u>Talbiet</u>**

"Illi l-ġenituri tal-atturi, Giuseppe Caruana u Giuseppa nee' Abdilla, illum mejta, kienu għamlu diversi testmenti b'diversi dispożizzjonijiet aġġuntivi. Giuseppi Caruana kellu għandu raba' magħruf bħala Tal-Isqof fil-limiti ta' Ħal Luqa li maż-żmien qasmu bejn uliedu hawn kontendenti fejn intużaw modijiet eżistenti antikament.

"Illi fost affarijiet oħra, permezz tat-testment tat-8 ta' April 1986 ġie dispost u kkonfermat lil dawn uliedhom kellhom dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba' tal-ieħor min-naħa tal-ħajt (*vide* testment bħala Dokument A anness).

"Illi mbagħad bit-testment tas-26 ta' Ottubru 1989 omm il-kontendenti, issa armla, ordnat li jekk xi ħadd minn uliedha ma joqgħodx għad-

dispożizzjoni tat-testmenti li hija għamlet qabel, u jekk xi ħadd mill-istess uliedha jew żwieġhom jippruvaw b'xi mod jew ieħor jaqla' l-inkwiet u fixkel il-qasma paċifika tal-beni tagħha, ikun min ikun minnhom, jitlef kull vantaġġ dispost a favur tiegħu bit-testmenti preċednti tagħha u ma jkollux dritt ieħor ħlief għal porzjoni leġittima (*vide* testament anness bħala Dokument B anness).

"Illi reċentament il-konvenuti u / jew terzi awtorizzati minnhom qegħdin ifixklu lill-atturi fit-tgawdija tal-porzjonijiet assenjati lilhom bil-mod mixtieq mill-ġenituri tagħhom bl-inġumbrar ta' parti minn mogħdija eżistenti antikament kif ingħad.

"Għaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"(1) Tiddikjara li l-atturi għandhom ossia akkwistaw dritt ta' passaġġ bl-inġenji, kif ukoll dritt ta' passaġġi bir-riġel minn fuq ir-raba' ta' xulxin, inkluża dik il-parti tal-passaġġ li tgħaddi mill-proprjeta' miżmuma mill-konvenuti fil-kontrada magħrufa bħala Tal-Isqof fil-limiti ta' Ħal Luqa;

"(2) Tiddikjara li l-konvenuti qed jimmolestaw lill-atturi fit-tgawdija ta' dan id-dritt tagħhom.

"(3) Tordna lill-konvenut jneħħu kull żgombru li qed jostakola lill-atturi fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom fuq ir-raba' msemmi.

"(4) Tordna lill-konvenuti ma jippermettux terzi li jostakolaw lill-atturi fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom fuq ir-raba' msemmi.

"(5) Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuta Carmen Sammut jammonta għal ksur tad-dispożizzjonijiet tat-testmenti magħmula minn omm il-kontendenti, b'dan li l-atturi qegħdin minn issa jirriżervaw li jitolbu rimedju relattiv f'ġudizzju separat, li qiegħed għalhekk jitħalla impreġudikat.

"Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji kontra l-istess konvenuti datati 27 ta' Awissu 2008, t'Ottubru 200, u bl-interessi skond il-liġi kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fil-15 ta' Mejju 2009, li permezz tagħha eċċepew:

"1. Illi fl-ewwel lok, il-kawża tal-atturi hija improponibbli *stante* l-fatt li l-atturi qegħdin jitolbu l-akkwist ta' dritt ta' passaġġ u ta' drittijiet oħra petitorji meta l-kondenti f'din il-kawża huma l-koll fuq titolu ta' qbiela rigwardanti l-għelieqi Tal-Isqof fil-limiti ta' Ħal Safi, liema qbiela titħallas lil Joint Office, kif jirriżulta mill-anness irċevuta markat Dokument CS1;

“2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, it-tieni talba atturi ma ssemmix għal liema artikolu taħt it-Titolu VI tal-Kap 12 qegħdin jintavolaw il-kawża *de quo*, u dan bi preġudizzju serju;

“3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq dedotti, il-konvenuti jirrespinġu totalment bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt it-talbiet kollha tal-atturi, u dana peress li l-konvenuti ma ngombraw ebda passaġġ, u kien l-istess Jonah Caruana li ppretendu li għandu dritt minn ġo għalqa u minn ġo passaġġ li sar mill-konvenuti stess, f’għalqa li hija mqabbla lilhom u li messet lill-konvenuta Carmen Sammut biss, meta qasamhom missierhom, u dan sar sabiex tieħu n-nagħaġ li għandha f’din il-għalqa tagħha stess.

“4. Illi fir-raba’ lok, it-talbiet qegħdin jiġu responti u miċħuda mill-konvenuti, *stante* li huwa l-attur stess Jonah Caruana li qiegħed jinġombra l-passaġġi u li qiegħed joħloq inkwiet bejn il-familja meta ma hemmx bżonn, u dank if ser jiġi muri tul is-smigħ tal-kawża;

“5. Illi fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq imsemmija, ma jeżistux l-elementi rikjesti skond il-liġi għal dak li qiegħed jintalab mill-atturi stess, liema talbiet miktubin mill-atturi huma nebolużi, u m’humiex ċari, u li għalhekk il-konvenuti jżommu ferm id-drittijiet tagħhom skond il-liġi li jintavolaw eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba u meta jiġu ċarati t-talbiet atturi;

“6. Illi fis-sitt lok, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq imsemmija, il-konvenut ma ngombraw ebda parti mit-tgawdija tad-drittijiet tal-atturi, u t-tielet talba attriċi ma tisspeċifikax għal liema allegat żgombru qiegħed jiġi mitlub tali talba, *stante* l-fatt li l-atturi talbu bissli jitneħħa *“kull żgombru”* u għalhekk din it-talba m’hijiex ċara u ma tissodisfax l-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kap 12;

“7. Illi fis-seba’ lok u b’referenza għall-ħames talba atturi, din l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* l-fatt li l-meritu hawnhekk mitlub mill-atturi m’għandu x’jaqsam xejn ma’ dispożizzjonijiet ereditarji. Illi *inoltre* u bla preġudizzju għal dak hawn imsemmi, l-konvenuti ma għamlu xejn sabiex kisru d-dispożizzjonijiet testamentarji.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

“Rat id-digriet tat-8 ta’ Ġunju 2009 li permezz tiegħu fuq talba tad-difensur tal-atturi ġie msejjaħ fil-kawża d-Direttur tal-Uffiċju Konġunt, wara li Dr Mark Attard Montalto għall-konvenuti rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

“Rat l-affidavits u semgħet il-provi kif ukoll żammet aċċess fuq il-post in kwistjoni;

"Rat l-atti proċeswali nkluż il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza wara li saret d-debita trattazzjoni;
"Ikkunsidrat;

"Illi din hija azzjoni istitwita minn erbat aħwa fil-konfront ta' oħthom li permezz tagħha qed jitolbu li huma għandhom dritt ta' passaġġ bl-inġenji u bir-riġel minn fuq ir-raba' ta' xulxin u partikolarment fuq il-parti miżmuma mill-konvenuta. L-għelieqi in kwistjoni kienu posseduti minn missierhom li qasmilhom f'ħajtu u fit-testment li għamel flimkien ma' martu ordna appuntu li uliedu jkollhom dritt ta' passaġġ minn fuq l-għelieqi ta' xulxin.

"Illi l-konvenuta rrispondiet b'diversi eċċezzjonijiet li wħud minnhom huma ta' natura legali. Il-Qorti jidhrilha li l-azzjoni hija waħda ċara għaliex jinftiehem sew x'qed jintalab. L-attur mhux obbligat jindika l-artikolu tal-liġi li taħtu qed jipproponi l-azzjoni. Għalhekk it-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet mhumiex fondati. Anke fejn l-atturi qed jitolbu li jitneħħa l-iżgombru għalkemm ċertament il-kelma hija l-kontra ta' dak li riedu jgħidu. Jidher ċar li din kienet *'misprint'* u b'ebda mod ma taffetwa t-talba prinċipali tal-atturi. Madankollu l-Qorti taqbel li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ir-rikors kellu jkun aktar ċar u preċiż dwar x'qiegħed jitolbu l-atturi. Dan għaliex it-talba tal-atturi hija ġenerika wisq. M'hemmx indikat minn fejn l-atturi qed jippretendu li jgħaddu minn fuq l-għalqa posseduta mill-konvenuta.

"Illi għandu jingħad mill-ewwel li fil-fatt ħadd mill-partijiet ma jista' jagħmel talba li għandu xi dritt ta' passaġġ *ut sic* fuq il-proprjeta in kwistjoni. Dan għaliex kif ingħad, il-proprjeta' in kwistjoni hija biex tkun servita proprjeta' li ma hijiex proprjeta' taghhom, iżda mikrija lilhom. Għalhekk il-passaġġ in kwistjoni ma seta' qatt jittrasforma ruħu f'servitu' fis-sens legali proprju għaliex l-Artikolu 447 jagħti d-dritt lis-sid tal-għalqa interkjuża. Wieħed ma jistax b'ebda estensjoni ta' interpretazzjoni jinkludi l-inkwilin tal-għalqa taħt dan l-artikolu – ara s-sentenza **"Cutajar Paris vs Fiorini"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999 li qalet li *"l-inkwilin ma jistax jikkostitwixxi servitu favur fond li tiegħu ma kellux proprjeta'…".* Għalhekk il-pożizzjoni tal-partijiet hija dipendenti fuq il-volonta' tas-sid ossija l-Uffiċju Konġunt; kieku dan qed joġġezzjona għall-impożizzjoni ta' servitu' xejn ma jista' jtaqqal il-proprjeta' tiegħu. Madankollu kif ġja' ingħad huwa rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti u allura f'każ bħal dan il-Qrati rrikonoxxew ftehim li jsir bejn il-gabillotti *għas-servizz tajjeb tar-raba*' (**"Pulizija vs Saviour Gauci"** – Appell Kriminali – 25 ta' Ottubru 1958). Intqal infatti f'din is-sentenza illi *"fil-każ ta' gabillotti li jiddetjenu bċejjeċ ta' raba' tal-istess sid ma jistgħux minn dawk il-ġabillotti jiġu kostitwiti servitujiet veri u proprji għax ma humiex sidien tar-raba'. Eppure bejn dawk l-istess gabillotti jistgħu jsiru arranġamenti għas-servizz aħjar tar-raba' u dawn l-arranġamenti dejjem ġew rikonoxxuti bħala vinkolanti mill-ġurisprudenza lokali u ġew imsejħin b'nomenklatura diversa in bażi għall-insenjamenti dottrinali ċjoe' 'modus vivendi' jew 'diritti di*

*obbligazione' jew servizzi u anke servitu personali"*. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru 1958 fl-ismijiet **"Antonio Bartolo vs Pawlu Vella"** l-Qorti żidiet tgħid illi: *"Ikun gwaj kbir kieku l-Qrati kellhom jiddiskonoxxu dan il-ftehim sempliċement għax il-gabillotti li għamluh mhumiex is-sidien tar-raba' bla ma tiġi provduta teorija li tissanzjonah u tipproteġih u għalhekk il-Qrati minn żmien irrikonoxxew il-validita' ta' ftehim simili. Għall-validita' ta' fethim simili ma teħtieġx skrittura għax il-ftehim ikun jirrigwardja l-jus condictionis."* Naturalment dan il-ftehim qatt ma jista' jippreġudika s-sid għaliex l-obbligazzjoni naxxenti minnu '*non inhaeret praedio*' u '*non ambulat cum dominio*'.

"Illi fil-każ in eżami missier il-kontendenti fit-testment imsemmi fir-rikors promotur wara li ppremetta li huwa ġja' kien qasam l-għelieqi lil uliedu ordna li *"kull wieħed għandu dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba' tal-ieħor min-naħa tal-ħajt; fis-sajf kull wieħed jista' jgħaddi bit-truck u fix-xitwa kull wieħed jista' jgħaddi bir-riġel u l-mutur tal-ħart tal-idejn u wara li jgħaddu minn dan il-passaġġ kull wieħed li jagħmel użu minn dan id-dritt għandu l-obbligu li jerġa' jaħrat dik il-parti tal-art li jkun għadda minn fuqha."* Allura m'hemmx dubju li dak li ordna missier il-partijiet fil-kawża għandu jreġġi bħala dik l-obbligazzjoni li tirregola l-mod kif il-partijiet għandhom jaħdmu r-raba' rispettivi tagħhom (ossija dik posseduta minnhom). Palesament ma sar ebda ftehim ieħor bejn il-partijiet u għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-partijiet għandhom josservaw din l-ordni.

"Illi l-Qorti naturalment hija dejjem marbuta tagħti d-deċiżjoni tagħha skond it-talbiet li għandha quddiemha u kif ġja' ngħad l-atturi ma ppreċiżawx minn fejn eżatt qed jippretendu li jgħaddu. Dan ma jfissirx li r-rikors hu null kif qed teċċepixxi l-konvenuta, iżda neċessarjament tillimita konsiderevolment ir-rimedji li jista' għandhom f'moħħom l-atturi, għall-inqas jekk wieħed jara d-depożizzjoni tal-attur Jonah Caruana li huwa l-aktar wieħed li għandu nteress fil-kawża. Dan infatti jgħid li jekk oħtu l-konvenuta ma tħallihx jgħaddi minn fejn qed jippretendi li jgħaddi, ikun ifisser li ħutu l-oħra jkunu jistgħu jgħaddu minn fuqu. Skond l-istess Jonah Caruana missieru kien jgħaddi minn dik il-kisra lejn ix-xellug fid-dokument JC3 minn fuq il-passaġġ immarkat fil-bidu tiegħu bl-ittra M. Għalhekk irid jibqa' jgħaddi minn hemm u l-konvenuta ma tridx tħallih u għalhekk għalqet dik il-parti bl-injam. Min-naħa tagħha l-konvenuta tinsisti li missierha għamel passaġġ ieħor minn wara l-kmamar għax meta kiber ma setax jitla' minn dak li qed jippretendu li jgħaddu l-atturi. Tgħid li kien missierha li tella' l-kmamar.

"Illi l-Qorti jidhrilha li ladarba missier il-kontendenti ma ħalla ebda ndikazzjoni ċara permezz ta' xi kostruzzjonijiet, għandhom jiġu osservati d-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu u dan independentement minn dak li kien jagħmel hu u dan għas-sempliċi raġuni li meta kien jiddetjeni l-għelieqi waħdu seta' jghaddi minn fejn irid mentri issa jridu jiġu osservati d-drittijet rispettivi tal-partijiet. Għalhekk ma hemmx dubju li l-atturi għandhom dritt jgħaddu minn fuq il-partijiet tar-raba' posseduti minn xulxin iżda dejjem minn mal-ħajt, kif

hemm indikat fit-testment. Madankollu peress li kif ġja' ngħad l-atturi ma speċifikawx liema parti qed jippretendu li jgħaddu u minn fejn allegatament qed jinżammu mill-konvenuti l-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet l-oħra tagħhom.

"**DEĊIŻJONI**

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ħlief kif se jingħad, tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-atturi għandhom dritt jgħaddu bir-riġel u l-inġenji minn fuq il-parti tal-għalqa okkupata mill-konvenuti min-naħa tal-ħajt, u dan limitatament kif indikat fit-testment, u ċjoe' bit-*truck* fis-sajf, u bir-riġel u l-mutur tal-ħart fix-xitwa.**

"**Il-Qorti tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-talbiet l-oħra u għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijet tagħhom fir-rigward.**
**L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**"

**Rikors tal-appell tal-konvenuti Carmen u Joseph Sammut (27.07.2011):**

**3.** Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew appell minnha.

**4.** Fl-ewwel aggravju tagħhom jirreferu għal żewġ paragrafi mis-sentenza tal-ewwel Qorti fejn qalet li meta l-missier kien għadu ħaj u kien jiddetjeni l-għalqa waħdu, seta' jgħaddi minn fejn irid, mentri issa jridu jiġu osservati d-drittijiet rispettivi tal-partijiet. Qalet li kif indikat fit-testment, l-atturi għandhom dritt jgħaddu minn fuq il-partijiet tar-raba posseduti minn xulxin iżda dejjem minn mal-ħajt. Qalet ukoll li madanakollu, peress li l-atturi ma speċifikawx minn liema parti jippretendu li jgħaddu u minn fejn qed jinżammu mill-konvenuti ma tistax tilqa' t-talbiet l-oħra tagħhom.

**5.** Il-konvenuti appellanti jsostnu li, kif jidher mill-*aerial photos* tal-MEPA tas-snin 1978 u 1988 annessi mal-affidavit tal-konvenuta Carmen Sammut, (fol 110a u 110b) kien hemm passaġġ (indikat bl-ittra K) fuq wara tal-kmamar rurali u mhux kif qegħdin jgħidu l-atturi, u cioe` li wieħed jgħaddi minn nofs l-għalqa imqabbla u mogħtija fid-diviżjoni lill-konvenuta Carmen Sammut.

**6.** Jargumentaw li huma kienu wrew ben ċar x'kienet il-volontà tal-werrieta[1] Ġużeppi u Ġużeppa Caruana, għaliex mill-*aerial photos* jidher ċar u ovvju li ma kien hemm l-ebda passaġġ f'dik l-għalqa u l-atturi qed jippruvaw jieħdu vantaġġ billi jingħalaq il-passaġġ K u jsir passaġġ ġdid li qatt ma kien jeżisti għal ġol-għalqa tal-konvenuti appellanti.

**7.** Jgħidu li l-passaġġ immarkat bl-ittra K, kien u baqa' l-passaġġ li missierhom u ommhom dejjem żammew bħala l-passaġġ agrikolu tagħhom u li imblokka tali aċċess l-attur appellat Jonah Caruana.

**8.** Fit-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jgħidu li t-talba dwar passaġġi hija ta' natura petitorja u ebda qorti ma tista' qatt tagħti sentenza fuq punt li huwa ta' natura petitorja meta l-partijiet fil-kawża jiddetjenu l-proprjeta` bi qbiela.

[1] Jidher li riedu jgħidu "testaturi" u mhux "werrieta".

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi Jonah Caruana, Andrew Caruana u Salvu Caruana (28.07.2011):</u>**

**9.** L-atturi Jonah Caruana, Andrew Caruana u Salvu Caruana ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew appell minnha.

**10.** <u>Fl-ewwel aggravju</u> tagħhom jilmentaw illi għalkemm l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba tagħhom, kellha tkun iktar preċiża u kellha ssir riferenza għad-dokumenti u r-ritratti esebiti, partikolarment Dok JC2 u JC3. Huma jispjegaw illi l-ewwel talba tirreferi għal (1) dritt ta' passaġġ bl-inġenji u (2) dritt ta' passaġġi bir-riġel. Jgħidu li d-dritt tal-passaġġ bl-inġenji kien wieħed partikolari li dwaru l-partijiet kienu qablu bejniethom li jeżerċitawh biss bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Awwissu ta' kull sena, mentri l-passaġġi bir-riġel jistgħu jiġu eżerċitati s-sena kollha. Jagħmlu riferenza għal Dok JC3 u jgħidu li dan jindika fejn hu l-passaġġ bl-inġenji fis-sajf, filwaqt li Dok JC2 jindika fejn hu l-passaġġ bir-riġel is-sena kollha.

**11.** Skont l-atturi appellanti l-ewwel Qorti kkonfondiet il-passaġġ bir-riġel mal-passaġġ bl-inġenji.

**12.** Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw illi fir-rigward tat-tieni talba, l-ewwel Qorti kellha tevalwa fejn qegħdin il-passaġġi rikonoxxuti skont l-ewwel talba u tiddeċiedi jekk jirriżultax li l-konvenuti Sammut kienu fixkluhom milli jgħaddu minnhom. Jispjegaw illi l-konvenuti Sammut mhux qegħdin jiċħdu li mhux qed iħalluhom jgħaddu minn fuq l-art tagħhom imma qegħdin isostnu li dan qed jagħmluh għaliex mhux minnu li l-passaġġ kien jibqa' għaddej minn fuq l-art tagħhom iżda kien idur minn wara l-kmamar għal fuq l-art ta' Jonah Caruana. Jgħidu li ġialadarba l-qorti taċċetta li l-passaġġi ordnati mill-ġenituri huma dawk indikati minn Jonah Caruana f'Dok JC2, dan ikun ifisser li l-konvenuti qegħdin perennement jimblokkaw parti minn dan il-passaġġ b'żewġ xatbiet u l-annimali. Fir-rigward tal-passaġġ bl-inġenji indikat fuq id-Dok JC3 jaċċennaw għall-fatt li l-konvenuti qatt ma kkontestaw l-affermazzjoni ta' Jonah Caruana li fis-sajf tal-2008 ir-raġel t'oħtu kien żammu milli jgħaddi bl-inġenji mill-passaġġ li missierhom kien iddestina biex jgħaddu.

**13.** Fit-tielet aggravju tagħhom l-atturi appellanti jispjegaw li t-tielet talba għandha tintlaqa' bħala konsegwenza tar-rikonoxximent tad-dritt ta' passaġġi u tar-rikonoxximent tal-molestja da parti tal-konvenuti billi ingombraw (u mhux żgumbraw) parti mill-passaġġ bir-riġel.

**14.** Fir-raba' aggravju tagħhom l-atturi appellanti jispjegaw li r-raba

talba (biex il-konvenuti jiġu ordnati ma jippermettux terzi jostakolaw lill-atturi fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom fuq ir-raba) kienet intiża biex tipproteġihom mill-molestja tal-konvenuti, sew jekk huma jilqgħu lill-atturi personalment u sew jekk jippermettu lil uliedhom jew persuni oħra jilqgħu lill-atturi meta jkunu qed jgħaddu mill-passaġġi.

**15.** Fil-ħames aggravju tagħhom l-atturi appellanti jirreferu għall-ħames talba (biex jiġi dikjarat li l-aġir tal-konvenuta Sammut jammonta għal ksur tad-dispożizzjonijiet tat-testmenti magħmula minn omm il-kontendenti) li tiddependi mit-tieni talba. Jispjegaw li l-ġenituri riedu li dan ir-raba jitgawda minn uliedhom fil-paċi u mhux biex iservi ta' għajn ta' inkwiet. Jgħidu li sfortunatament, minkejja d-dispożizzjonijiet testamentarji, l-konvenuti Sammut marru kontra x-xewqat tal-konjuġi Caruana bil-konsegwenza li għal dawn is-snin kollha hemm l-inkwiet bejn l-aħwa.

**16.** Is-sitt aggravju tagħhom jirreferi għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti. Jilmentaw li d-*decide* ma tagħti l-ebda indikazzjoni dwar liema huma l-eċċezzjonijiet li qed jintlaqgħu u liema huma l-eċċezzjonijiet li qed jiġu miċħuda. Jirraġunaw illi l-fatt li intlaqgħet l-ewwel talba għandu jfisser li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Sammut ġiet miċħuda għalkemm dan ma ġiex speċifikat. Fir-rigward tat-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet josservaw li fil-

kunsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti kienet qalet li ma kinux fondati. Josservaw ukoll li s-sitt eċċezzjoni wkoll ġiet indirizzata fil-kunsiderazzjonijiet meta l-ewwel Qorti indikat li għalkemm l-atturi użaw il-kelma "żgombru" riedu jifhmu "ingombru". Iżidu jgħidu li t-tielet u r-raba eċċezzjonijiet huma dwar il-mertu iżda l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma jindikawx li l-konvenuti qed jingħataw raġun fuq dak li qalu l-konvenuti f'dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet. Dwar is-seba' eċċezzjoni jgħidu li din hija in parti legali u in parte fuq il-mertu iżda l-ewwel Qorti hawnhekk ukoll ma għamlet l-ebda osservazzjoni li turi li l-konvenuti jista' għandhom raġun fuq din l-eċċezzjoni. Finalment, jilmentaw li mingħajr ma tqajmet l-eċċezzjoni tan-nuqqas tal-interess ġuridiku il-qorti għaddiet biex illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-tieni, t-tielet, ir-raba u l-ħames talba.

**17.** Is-seba' aggravju jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż. Isostnu li l-ispejjeż għandhom ibatuhom il-konjuġi Sammut u dan għaliex huma kappriċċożament ħassew li jkun aħjar jekk parti mill-passaġġ minn fuq l-art tagħhom jiġi sostitwit b'passaġġ minn fuq l-art ta' ħadd ieħor.

**Risposta tal-appell tal-konvenuti Carmen u Joseph konjuġi Sammut (29.09.2011):**

**18.** Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-aħwa Caruana, il-konvenuti fl-

ewwel lok jgħidu li l-ewwel talba tal-atturi qatt ma kienet ċara stante l-fatt li ħareġ issa, wara li ġiet deċiża l-kawża, li l-atturi riedu jfissru bl-ewwel talba li kienu qed jirreferu għad-dritt ta' passaġġ bl-inġenji bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Awwissu, u għad-dritt ta' passaġġ bir-riġel is-sena kollha, u għalhekk dan hu in vjolazzjoni tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12. Fit-tieni lok fir-rigward tal-ewwel aggravju il-konvenuti Sammut jissottomettu li l-atturi qed jippretendu li l-ewwel Qorti għandha tieħu deċiżjoni fuq Google Maps. Jgħidu li d-dokumenti JC2 u JC3 mhumiex provi tajbin għaliex minnhom wieħed ma jistax jiddeċifra l-outline tal-binjiet u ma hemm l-ebda mod biex wieħed jattribwixxi l-veraċita` tad-dokumenti.

**19.** Jgħidu li *dato ma non concesso* dan kollu, l-għalqa immarkata bin-numru 2 f'dawn iż-żewġ dokumenti hija l-għalqa riferuta fil-kawża bħala l-għalqa fejn hemm il-*mountain goats* u n-nagħaġ ta' Carmen Sammut u binha Andrew. Jgħidu li pero` l-*mountain goats* u n-nagħaġ jinsabu fuq in-naħa ta' fuq biss ta' din l-għalqa u l-passaġġ mhux dak kif indikat fid-Dok JC3. Isostnu li n-nagħaġ bħala stat ta' fatt jinsabu fin-naħa indikata bl-ittra X fid-Dok JC3 anness mar-risposta, u għalhekk jgħidu li anke l-ewwel Qorti ma ndunatx eżattament bil-pożizzjoni tal-għalqa pern tal-kawża nonostante l-aċċess.

**20.** Jirreferu għar-rittratti mill-ajru tal-1978 u 1988 u jgħidu li l-passaġġ

jidher indikat bl-ittri K u L. Jgħidu li dawn kienu l-passaġġi li dejjem żamm u ried Giuseppe Caruana.

**21.** Jgħidu li huwa minnu li l-parti t'isfel tal-għalqa ta' Carmen Sammut immarkata numru 2 għandha passaġġ agrikolu bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Awwissu imma jenfasizzaw li dan il-passaġġ bl-inġenji jintuża fis-sajf biss u ma jinsabx fil-parti ta' fuq tal-għalqa fejn jinsabu l-*mountain goats* u n-nagħaġ, iżda jinsab fil-parti t'isfel tal-istess għalqa.

**22.** Isostnu li l-passaġġi għandhom jibqgħu il-passaġġi li l-ġenituri tal-aħwa Caruana talbuhom iżommu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

*Sfond*

**23.** Din il-kawża tirrigwarda raba magħrufa bħala Tal-Isqof, fil-limiti ta' Ħal Luqa, li Giuseppe Caruana (missier il-kontendenti Caruana) kellu għandu bi qbiela. Maż-żmien dawn inqasmu bejn uliedu. Permezz tat-testment tal-ġenituri Caruana, datat 8 ta' April 1986, ġie spjegat li r-raba in kwistjoni kienet diġa tqassmet bejn l-ulied b'mod li kull wieħed kien jaf liema parti għandu d-dritt jaħdem. Dan premess, it-testaturi ordnaw li kull wieħed mill-ulied għandu dritt itella' l-ilma mill-bjar eżistenti f'tali

għelieqi "*u kull wieħed għandu dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba tal-ieħor min-naħa tal-ħajt; fis-sajf kull wieħed jista' jgħaddi bit-trakk u fix-xitwa kull wieħed jista' jgħaddi bir-riġel u b'mutur tal-ħart tal-idejn; wara li jgħaddu minn dan il-passaġġ kull wieħed li jagħmel użu minn dan id-dritt għandu l-obbligu li jerġa' jaħrat dik il-parti tal-art li jkun għadda minn fuqha*". Kif irriteniet l-ewwel Qorti, dawn l-istruzzjonijiet għandhom iservu bħala dik l-obbligazzjoni li tirregola l-mod kif il-partijiet għandhom jaħdmu l-għelieqi rispettivi tagħhom.

**24.** L-atturi għamlu l-kawża odjerna kontra oħthom u żewġha peress li qed jallegaw li huma u/jew terzi awtorizzati minnhom qed ifixkluhom fit-tgawdija tal-porzjonijiet assenjati lilhom bl-ingumbrar ta' parti minn mogħdija eżistenti antikament biż-żamma ta' klieb u nagħaġ.

*Is-sentenza tal-ewwel Qorti:*

**25.** L-ewwel Qorti, spjegat primarjament li għalkemm ir-raba in kwistjoni huwa mikri, u għalhekk ħadd mill-partijiet ma jista' jagħmel talba li għandu xi dritt ta' passaġġ *ut sic* fuqu, madanakollu l-qrati tagħna irrikonoxxew ftehim li jsir bejn gabillotti għas-servizz tajjeb tar-raba (li ovvjament ma jippreġudikax lis-sid). Il-Qorti abbażi tad-dispożizzjonijiet testamentarji tal-ġenituri tal-kontendenti laqgħet l-ewwel talba tal-atturi in kwantu iddikjarat li għandhom dritt jgħaddu bir-riġel u

bl-inġenji minn fuq ir-raba okkupata mill-konvenuti (bit-truck fis-sajf u bir-riġel u l-mutur tal-ħart fix-xitwa) iżda osservat li l-atturi ma ppreċiżawx fit-talbiet minn fejn eżatt kienu qed jippretendu li jgħaddu u minn fejn allegatament qed jinżammu mill-konvenuti. Għal din ir-raġuni hija spjegat li ma setgħetx tilqa' t-talbiet l-oħra tagħhom [cioe` (2) li tiddikjara li l-konvenuti immolestawhom fit-tgawdija tad-dritt tagħhom, (3) li tordna li l-konvenuti jneħħu l-ingombru u (4) li ma jippermettux terzi jostawkolaw id-dritt tal-atturi għat-tgawdija tar-raba msemmi, u (5) li tiddikjara li l-aġir tal-konvenuta Carmen Sammut jammonta għal ksur tad-dispożizzjonijiet testamentarji magħmula minn omm il-kontendenti].

*L-appell tal-konvenuti*

**26.** Iċċarat dan kollu -- u l-Qorti għal darb'oħra tirrakkomanda attenzjoni ferm akbar fir-redazzjoni ta' atti ġudizzjarji -- din il-qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra ż-żewġ aggravji tal-konvenuti intiżi biex jikkonvinċu lil din il-qorti li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat li l-atturi għandhom dritt jgħaddu bir-riġel u bl-inġenji minn fuq il-parti tal-għalqa okkupata minnhom (il-konvenuti) min-naħa tal-ħajt, bit-truck fis-sajf u bir-riġel u l-mutur tal-ħart fix-xitwa.

**27.** Ser tibda bit-tieni aggravju tagħhom, li huwa bażikament repetizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom u cioè li kwistjonijiet dwar

passaġġi huma ta' natura petitorja u għalhekk ma tistax tingħata sentenza ta' natura petitorja meta l-partijiet jiddetjenu l-proprjeta` bi qbiela. L-ewwel Qorti però fil-fatt irrikonoxxiet il-fatt li l-art qegħda f'idejn l-aħwa Caruana bi qbiela u li għalhekk ħadd minnhom ma jista' jagħmel talba dwar dritt ta' passaġġ. Hija spjegat li l-ġurisprudenza lokali dejjem irrikonoxxiet l-arranġamenti li jsiru bejn il-gabillotti għas-servizz aħjar tar-raba bħala arranġamenti vinkolanti, anke jekk tali arranġamenti ma jistgħu qatt jippreġudikaw lis-sid. L-ewwel Qorti bl-ebda mod ma daħlet fi kwistjonijiet petitorji, anzi għamlitha ċara li fil-każ in kwistjoni kwalunkwe passaġġi ma setgħu qatt jittrasformaw ruħhom f'servituijiet fis-sens tal-Artikolu 447 li jagħti dritt lis-sid tal-għalqa interkuża u mhux lill-inkwilin. Hija sempliċiment kienet qed tirrikonoxxi x'kienet il-pożizzjoni dwar id-"dritt" ta' passaġġ tal-aħwa Caruana fir-rigward tal-għelieqi okkupati minnhom abbażi tat-testment tal-ġenituri tal-istess aħwa Caruana. Għalhekk dan l-aggravju huwa infondat.

**28.** Fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħhom il-konvenuti jgħidu ħafna xorti, iżda bazikament l-ilment tagħhom huwa li x-xewqat tat-testaturi (il-ġenituri Caruana) mhux qed jiġu rispettati. Jgħidu li l-passaġġi kienu ben stabbiliti u baqgħu ben stabbiliti. It-teżi tagħhom hija li fuq l-għalqa assenjata lil Carmen Sammut ma kien hemm l-ebda passaġġ. Jirreferu għal ritratti mill-ajru tal-MEPA tas-snin 1978 u 1988 u jsostnu li minnhom jirriżulta li mill-għalqa assenjata lil Carmen Sammut ma jidher l-ebda

passaġġ u li invece dejjem kien hemm passaġġ (indikat bl-ittra K) minn wara l-kmamar, li ġie imblokkat mill-attur Jonah Caruana. Jaċċennaw għall-fatt li dan kien fiż-żmien meta l-missier kien għadu ħaj, sa mill-inqas għaxar snin qabel ma miet.

**29.** Il-verżjonijiet taż-żewġ naħat huma konfliġġenti fir-rigward ta' dawn iż-żewġ passaġġi. L-attur Andrew Caruana xehed li fejn illum hemm il-mogħoż u n-nagħaġ tal-konvenuti kien hemm passaġġ minn taħt il-ħarruba, li issa ma tantx jintagħraf peress li tqatta' l-blat. Qal li qabel kienu jgħaddu minn hemm meta kellhom bżonn. L-attur Angelo Caruana xehed li fejn hemm in-nagħaġ u l-mogħoż kien ikompli passaġġ. Spjega li, għalkemm wieħed jista' jaqbeż minn fuq ix-xatba, il-konvenut Joseph Sammut kien żammhom milli jagħmlu dan u qalilhom "*lanqas Alla ma jgħaddi minn hawn, m'intomx se tgħaddu iktar minn hawn*." L-attur Salvu Caruana xehed illi meta missieru bena l-kmamar baqgħu jgħaddu minn quddiemhom. "*Mela, għamel passaġġ missieri hemm, għamel passaġġ quddiemhom*". Qal li kien hemm rampa u kienu jgħaddu minn hemm. Żied jgħid li llum parti minnu mhux aċċessibbli. Kontro-eżaminat u mistoqsi jekk fejn hemm indikat bl-ittra "K" fuq ir-rittratt mill-ajru tal-1988[2] kienx il-passaġġ li kienu jgħaddu minnu huwa wieġeb fin-negattiv. Spjega li kien hemm passaġġ invece taħt il-ħarrub fl-għalqa assenjata lil Carmen Sammut.

---

[2] Fol 110b

**30.** Il-konvenuta Carmen Sammut xehdet li kien hemm passaġġ minflok il-kmamar li għamel missierha. Spjegat li meta missierha bena l-kmamar ma setax jitla' u għamel il-passaġġi minn wara l-kmamar (cioe` f'ta' Jonah Caruana). Hija sostniet li fejn illum binha għandu n-nagħaġ u l-mogħoż qatt ma kien passaġġ. Qalet li kien mimli siġar tal-ħarrub u qatt ma kien hemm passaġġ la bir-riġel u lanqas bl-inġenji. Spjegat li għalkemm wara li bena l-kmamar missierha kien għamel passaġġ quddiemhom dan il-passaġġ qatt ma kien jestendi għal fuq ir-raba fejn illum binha għandu n-nagħaġ u fejn hemm ix-xatba tal-injam. Hija sostniet li l-għalqa ta' fejn hemm in-nagħaġ qatt ma kienet passaġġ jew kellha xi passaġġ f'tali parti. Qalet li l-passaġġ kien dritt għall-għalqa ta' Jonah. Qalet li ma taqbilx mad-Dok JC3 fejn jieqaf il-passaġġ bil-kulur aħmar u jibda bil-kulur isfar. (Jonah Caruana fl-affidavit tiegħu kien spjega li r-ritratt Dok JC3 juri bl-aħmar il-passaġġ li kien juża missierhom meta kien jidħol bl-inġenji. Qal li wara li miet il-missier kienu ftehmu l-aħwa li ladarba l-inġenji kienu qed jidħlu mill-punt M, meta l-passaġġ jasal f'porzjon 2 dan jikser mill-ewwel lejn ix-xellug lejn il-porzjon 5. Qal li dan il-passaġġ ġdid huwa indikat bl-isfar). Carmen Sammut invece esebiet kopja ta' dan id-dokument JC3 u immarkatu Dok CS u indikat bl-aħdar fuqu fejn għandu jitla' l-passaġġ. Jiġi osservat li kif indikatu hi l-passaġġ ikompli għall-porzjon 4, u cioè fir-raba ta' Jonah Caruana.

**31.** Paul Sammut, bin il-konvenuta, xehed li fejn huh Andrew għandu n-nagħaġ fl-għalqa ta' ommhom qatt ma kien hemm mogħdija. Sostna li l-għalqa ta' ommu qatt ma kellha passaġġ minnha għajr il-mogħdija tal-inġenji fis-sajf.

**32.** Minkejja dan kollu din il-qorti tosserva li t-testment tal-ġenituri Caruana ma jitkellimx fuq passaġġi eżistenti iżda sempliċiment jgħid li kull wieħed mill-ulied għandu dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba tal-ieħor min-naħa tal-ħajt (fis-sajf bit-truck u fix-xitwa bir-riġel u bil-mutur tal-ħart tal-idejn biss). Jgħid ukoll li wara li jeżerċitaw id-dritt ta' passaġġ, kull wieħed "*għandu l-obbligu li jerġa' jaħrat dik il-parti tal-art li jkun għadda minn fuqha"*. Dan ifisser li d-dritt ta' passaġġ naxxenti mit-testment huwa indipendenti minn xi passaġġi eżistenti, għax li kieku dan kien il-każ ma kienx ikun hemm għalfejn jiġi speċifikat li wara li dak li jkun jgħaddi minn fuq l-art ta' ħutu għandu l-obbligu jerġa' jaħrat l-art li jkun għadda minn fuqha.

**33.** Għalhekk kwalunkwe argumenti dwar x'passaġġi o meno kienu jeżistu meta kien ħaj il-missier huma irrilevanti. U fl-assenza ta' xi ftehim bejn l-aħwa fir-rigward ta' x'passaġġi għandhom jintużaw minn fuq l-għelieqi ta' xulxin għandhom jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tat-testment tal-1986 li huma ċarissimi: l-aħwa Caruana għandhom id-dritt

jgħaddu minn fuq il-partijiet ta' raba posseduti minn xulxin dejjem min-naħa tal-ħajt.

**34.** Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti.

*L-appell tal-atturi*

**35.** L-atturi da parti tagħhom talbu li s-sentenza tiġi konfermata in kwantu laqgħet l-ewwel talba u ċaħdet (b'mod indeterminat) uħud mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; modifikata fir-rigward tad-diċitura tal-ewwel talba, u rrevokata in kwantu laqgħet b'mod indeterminat xi uħud mill-eċċezzjonijiet u in kwantu illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet, b'dan li għandhom jintlaqgħu l-istess talbiet, u talbu wkoll li tiġi irrevokata in kwantu ordnat li l-ispejjez għandhom ikunu bla taxxa, b'dan li għadhom ikunu invece kontra l-konvenuti.

**36.** Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw li għalkemm l-ewwel talba intlaqgħet, din la tirrifletti l-istess talba u lanqas il-provi prodotti. L-ewwel talba kif redatta fir-rikors tgħid hekk: "*Tiddikjara li l-atturi għandhom ossia akkwistaw dritt ta' passaġġ bl-inġenji kif ukoll dritt ta' passaġġ bir-riġel fuq ir-raba ta' xulxin, inkluża dik il-parti tal-passaġġ li*

*tgħaddi mill-proprjeta` miżmuma mill-konvenuti fil-kontrada magħrufa bħala Tal-isqof fil-limiti ta' Ħal Luqa*". L-ewwel Qorti laqgħet din it-talba u qalet hekk *"… … … tiddikjara li l-atturi għandhom dritt jgħaddu bir-riġel u l-inġenji minn fuq il-parti tal-għalqa okkupata mill-konvenuti min-naħa tal-ħajt u dan limitatament kif indikat fit-testment, u cioe` bit-truck fis-sajf u bir-riġel u l-mutur tal-ħart fix-xitwa*."

**37.** L-atturi jsostnu li l-mod kif l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba għandha tiġi modifikata u deċiża b'mod iktar preċiż anke b'referenza għad-dokumenti u ritratti esebiti, partikolarment Dok JC2 u JC3. Dawn id-dokumenti, li ġew spjegati fid-dettall fl-affidavit ta' Jonah Caruana, jirrappreżentaw il-passaġġi bir-riġel is-sena kollha u bl-inġenji fis-sajf, rispettivament. Jispjegaw li d-dritt ta' passaġġ bl-inġenji fis-sajf (JC3) kien sar bi qbil bejn l-aħwa kollha u mhux qed jiġi ikkontestat, filwaqt li d-dritt ta' passaġġ bir-riġel biss min-naħa tal-ħajt (Dok JC2) jirreferi għal passaġġ ieħor imsemmi fit-testment tal-ġenituri u l-kontestazzjoni fil-mertu tirreferi għal parti żgħira minn dan it-tieni passaġġ biss.

**38.** It-testment tal-ġenituri Caruana pero` ma jagħmel riferenza għall-ebda passaġġ partikolari iżda jitkellem biss fuq dritt ta' passaġġ, u għalhekk mhux il-każ li jsiru riferenzi għall-passaġġi partikolari fuq dokumenti. Din il-qorti taqbel mad-diċitura ta' kif l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba, u cioe` fejn irriferiet għad-dritt tal-atturi li jgħaddu minn fuq

il-parti tal-għalqa okkupata mill-konvenuti min-naħa tal-ħajt kif indikat fit-testment.

**39.** <u>Fit-tieni aggravju</u> tagħhom l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti irriteniet li t-talba tagħhom kienet ġenerika wisq u li ma indikawx minn fejn qed jippretendu li jgħaddu minn fuq l-għalqa posseduta mill-konvenuti. Din il-qorti tosserva li minkejja li dan mhux indikat speċifikatament fit-talbiet innifishom, joħroġ bl-aktar mod ċar li l-konvenuti qed iċaħħdu lill-atturi milli jgħaddu minn fuq l-art assenjata lil Carmen Sammut u għaldaqstant qegħdin iċaħħduhom mill-godiment tad-dritt ta' passaġġ ordnat mill-ġenituri tagħhom fit-testment tal-1986. Il-konvenuti qegħdin isostnu li fl-għalqa assenjata lill-konvenuta Carmen Sammut fejn illum hemm in-nagħaġ u l-mogħoż ma kienx hemm passaġġ u għalhekk jippretendu li minn fuq tali għalqa ma jgħaddi ħadd, iżda li jgħaddu invece minn fuq l-għalqa ta' Jonah Caruana, minn wara l-kmamar. Jirriżulta illi l-annimali (u x-xatbiet li qegħdin hemm biex iżommu l-istess annimali) qegħdin fil-fatt jostakolaw id-dritt tal-aċċess tal-atturi minn fuq l-għalqa tal-konvenuta u dan il-fatt imur kontra d-dispożizzjonijiet tat-testment. Għal din ir-raġuni t-tieni talba kellha tintlaqa'.

**40.** <u>Fit-tielet aggravju</u> tagħhom l-atturi jargumentaw illi ġialadarba bl-ewwel talba ġie rikonoxxut id-dritt ta' passaġġ u bit-tieni talba għandu

jiġi rikonoxxut li l-konvenuti immolestaw lill-atturi billi ingombraw parti mill-pasaġġ bir-riġel, allura għandha tintlaqa' t-tielet talba u jiġi ordnat it-tneħħija ta' kull ingombru għall-imsemmi passaġġ bir-riġel, partikolarment ix-xatbiet iżda wkoll imbarazz ieħor li jitħalla u wkoll l-annimali li jitħallew jiġru għal fuq il-passaġġ.

**41.** Għar-raġunijiet fuq mogħtijin għandha titneħħa kull ħaġa li qed tostakola d-dritt ta' passaġġ min-naħa tal-ħajt minn fuq l-għalqa li hija fil-pussess tal-konvenuta Carmen Sammut. Għaldaqstant it-tielet talba għandha tintlaqa' u għandhom jitneħħew ix-xatbiet u kull ingombru ieħor li ma jippermettix lill-atturi jaċċedu b'dan il-mod.

**42.** Ir-raba' aggravju tal-atturi jirrigwarda r-raba' talba u cioè li l-konvenuti jiġu ordnati ma jippermettux lil terzi li jostakolawhom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom. Għar-raġunijiet fuq mogħtija din it-talba wkoll għandha tiġi milqugħa.

**43.** Il-ħames aggravju tal-atturi jirreferi għall-ħames talba tagħhom, fejn huma kienu talbu li jiġi dikjarat li l-aġir tal-konvenuta Carmen Sammut jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tat-testmenti magħmula minn ommhom. Jidher li qegħdin partikolarment jirreferu għat-testment tas-26 ta' Ottubru 1989 ta' Giuseppa Caruana fejn stipulat li jekk xi ħadd minn uliedha ma joqgħodx għad-dispożizzjonijiet tat-testmenti li għamlet

preċedentement u xi ħadd minnhom jew żwieġhom jipprova jfixkel il-qasma paċifika tal-beni tagħha, huwa jitlef kull vantaġġ dispost a favur tagħha bit-testmenti preċedenti tagħha u ma jkollux dritt ieħor ħlief għal-leġittima. Din il-qorti sejra tiċħad din it-talba u dan in vista tal-fatt li hija proprju b'din is-sentenza li qed jiġu iċċarati d-dispożizzjonijiet testamentarji tal-ġenituri tal-aħwa Caruana; il-kontendenti ħlew ħafna ħin jargumentaw fuq l-eżistenza o meno ta' passaġġi antiki iżda fil-verità t-testment tal-1986 jitkellem fuq dritt ta' passaġġ u mhux fuq passaġġi eżistenti.

**44.** Fis-sitt aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw illi s-sentenza tal-ewwel Qorti ma tindikax liema kienu l-eċċezzjonijiet li kienu qed jintlaqgħu u dawk li kienu qed jinċaħdu. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni (li l-azzjoni hija improponibbli stante li l-kontendenti għandhom biss titolu ta' qbiela u mhumiex il-proprjetarji tar-raba) l-ewwel Qorti kienet spjegat fit-tul li għalkemm huwa minnu li inkwilini ma jistgħux jagħmlu talba fuq dritt ta' passaġġ, il-qrati tagħha dejjem irriknoxxew arranġamenti bejn il-gabillotti għas-servizz tajjeb tar-raba li ma jippreġudikawx lis-sid. In oltre l-fatt li laqgħet l-ewwel talba, kif jargumentaw ben tajjeb l-atturi, juri li din l-eċċezzjoni kienet qed tiġi miċħuda. Fir-rigward tat-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet, (li ma jissemmiex l-artikolu li abbażi tiegħu qed tiġi proposta l-azzjoni, u li t-talbiet huma nebolużi) l-ewwel Qorti iddikjarat li dawn kienu infondati.

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni (li l-konvenuti ma ngombraw l-ebda passaġġ) din għandha tiġi miċħuda għar-raġunijijiet fuq mogħtija. Fir-raba' eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti Caruana ilmentaw li kien l-istess Jonah Caruana li qed jingombra l-passaġġi. Din il-qorti tosserva li Carmen Sammut fix-xiedha tagħha qalet li l-passaġġ indikat fuq ir-ritratti tal-ajru tal-MEPA bl-ittra K (li jagħti għall-għalqa assenjata lil Jonah Caruana) ingħalaq wara l-mewt tal-missier. Din il-kawża però tirrigwarda l-ostakolar tal-aċċess minn fuq l-għalqa tal-konvenuta, (li din il-qorti, kif ġie spjegat fuq, stabbiliet li jmur kontra d-dispożizzjonijiet testamentarji tal-ġenituri tal-aħwa Caruana) u mhux l-ostakolar tal-aċċess minn fuq l-għalqa ta' Jonah Caruana. Il-konvenuta ma għamlet l-ebda kontro-talba f'dan is-sens. Għalhekk din il-qorti ser tiċħad din ir-raba' eċċezzjoni.

**45.** Fis-sitt eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti sostnew li huma ma ngombraw l-ebda parti mit-tgawdija tad-drittijiet tal-atturi u qalu li ma ġiex speċifikat eżattament x'kien l-ingombru u għalhekk it-talba ma kinitx ċara u ma tissodisfax l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12. Kif diġa` ġie spjegat, jirriżulta li l-konvenuti Sammut effettivament ostakolaw l-aċċess għal fuq l-għalqa li tinsab fil-pussess ta' Carmen Sammut, u fid-dikjarazzjoni tar-rikors ġuramentat ġie spjegat li l-ingombru kien jikkonsisti fost affarijiet oħra fiż-żamma ta' klieb u nagħaġ li kienu qed jostakolaw l-aċċess għall-porzjon raba assenjat lil Carmen Sammut. Għalhekk tali eċċezzjoni għandha wkoll tiġi miċħuda.

**46.** Is-seba' eċċezzjoni tirreferi għall-ħames talba, u cioe` l-allegazzjoni li l-aġir tal-konvenuti jammonta għal ksur tad-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Giuseppa Caruana. Dwar din il-ħames talba din il-qorti diġa` għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ħames aggravju u, għar-raġunijiet fuq imsemmija, anke jekk differenti minn dawk imressqa fis-seba' eċċezzjoni, hija ser tiċħad tali talba.

**47.** Is-seba' aggravju tal-atturi jirrigwarda l-ispejjeż: huma jsostnu li għandhom ibatuhom il-konvenuti Sammut. Din il-qorti hija tal-fehma li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati $^4/_5$ mill-konvenuti Sammut u $^1/_5$ mill-atturi Caruana.

**48.** Finalment, għalkemm din il-kawża tirrigwarda biss l-aċċess minn fuq l-għalqa posseduta mill-konvenuta Carmen Sammut, (u fil-fatt kien għalhekk li din il-qorti ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni) din il-qorti tissolleċita lill-atturi, partikolarment lil Jonah Caruana, sabiex da parti tagħhom jassiguraw li l-għelieqi li jinsabu fil-pussess tagħhom jippermettu l-aċċess (min-naħa tal-ħajt) b'mod li jibqa' jiġi onorat it-testment tal-ġenituri tagħhom.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi ż-żewġ appelli li għandha quddiemha kif ġej:

1) L-appell tal-konvenuti Sammut qed jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti Sammut;

2) L-appell tal-atturi Caruana qed jiġi milqugħ in kwantu jirrigwarda l-ewwel erba' talbiet, iżda mhux ukoll fir-rigward tal-ħames talba. L-ispejjeż ta' dan l-appell għalhekk għandhom jiġu sopportati erbgħa minn ħamsa ($^4/_5$) mill-konvenuti Sammut u wieħed minn ħamsa ($^1/_5$) mill-atturi Caruana;

3) L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom ukoll jiġu sopportati erbgħa minn ħamsa ($^4/_5$) mill-konvenuti Sammut u wieħed minn ħamsa ($^1/_5$) mill-atturi Caruana.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df